Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 418/2012AE

**Anton Attard u Natalino Fenech**

**Vs**

**Josef Caruana**

It-Tnejn, 22 ta' Frar, 2016.

Permezz ta' rikors tal-appell prezentat fl-14 ta' Frar 2014, il-konvenut appella minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Jannar 2014 li biha gie kkundannat ihallas is-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) lill-atturi minhabba malafama li saritilhom bl-artiklu pubblikat fil-gazzetta l-Orrizont tat-2 ta' Ottubru 2012 u ntitolat *Is-Saltna tal-Gideb*.

L-aggravji tal-appellant jaqraw hekk:

*"7. L-appellanti jissemmew marginalment, tnejn minn hames persuni li ssemmew b'isimhom. L-artiklu jrid jitqies quid unum ghax hekk hu manifestament dak li kellu f'rasu l-kittieb. Hemm qieghda t-thrust tieghu u jekk tghaddi biex tispigola l-kitba din it-thrust tizvinta u jghib il-messagg li ried jati l-kittieb. Triq taqra u tqis kollox u mhux tkun selettiv u tieqaf hemm.*

*8. L-appellanti jissemmew fil-Gang of Five fil-PBS. Minn dawn iccaqilqu biss iz-zewg appellanti. L-esponent iqis dan bhala konferma tal-fatt li l-mira tal-kittieb ma kinitx li jigu malafamati dawn. Dawn x'sahha u poter kellhom f'dak serju lamentat fl-artiklu ? Xejn. Il-fatt li sfortunatament issemmiet il-kelma gang ma jnehhi xejn mill-argument u s-sottomissjoni li qed hawn isir.*

*9. Illum hu accettat li f'demokrazija ghandu jkun hemm certa latitudni favur il-liberta tal-istampa u l-liberta tal-espressjoni".*

L-appellati wiegbu li:

Fit-twegiba li kien ipprezenta fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) il-konvenut qal:

1. Il-kitba in kwistjoni ma fiha xejn ingurjuz izda hemm biss fatti u fehmiet fuqhom, kif inhu dritt li jsir f'socjeta demokratika.
2. Il-konvenuta qeda dmiru li jgharraf lill-qarrej f'dak li ghaddej.

L-attur wiegbu li (fol. 6):

1. Id-difiza tal-konvenut tidher bazata fuq il-*fair comment*.
2. Fl-artiklu in kwistjoni jissemmew biss hames persuni li ssejjhu Gang of Five. Dwarhom jinghad li saru miljunarji b'kontijiet bankarji fil-Gzejjer tal-Karibew, Cipru, fil-Genna fiskali tal-Pacifiku u li huma nies hziena, rghiba li ssakkeggaw l-istat, li nstaraw dittatorjat kostituzzjonali. Nies li huma vijli u viljakki. Dawn huma allegazzjonijiet ta' fatt u mhux kumment.
3. Meta gie ppublikat l-artiklu, l-atturi kienu mpjegati fil-PBS. Huma m'humiex politici. Li ssir kritika fil-kariga taghhom, hi accettabbli. Pero' dan irid isir fil-parametri tal-ligi.
4. Kritika ghandha tkun bazata madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri.
5. L-artiklu in kwistjoni kellu l-intenzjoni li jhammeg ir-reputazzjoni tal-atturi. Il-liberta tal-espressjoni m'huwiex xi dritt assolut u f'socjeta demokratika jrid ikun hemm limitazzjonjiet ghalih. Hadd m'ghandu jedd li jhammeg ir-reputazzjoni ta' haddiehor u jistahba wara d-dritt fundamentali tal-liberta tal-espressjoni. Fl-artiklu saru allegazzjonijiet ta' fatt u kummenti li bl-ebda mod ma kienu mibnija fuq fatti sostanzjalment veri. Ghalhekk dak li nghad hu libelluz fil-konfront tal-atturi.

Fl-artiklu oggett tal-kawza jinghad li:-

- L-atturi flimkien ma' Pierre Portelli, Lou Bondi u Peppi Azzopardi huma Gang of Five li jokkupaw l-PBS;
- *"Iffaccjati b'dawn in-nies hziena, nies li ilhom ippappuha, huma u l-klikek taghhom 25 sena shah, nies giddibin, nies rghiba l-issakkeggaw l-istat, nies li instawraw "dittatorjat kostituzzjonali", nies li huma vili u viljakki li jdawwru l-PBS fil-verzjoni Maltija ta' Telekabul kif kien fil-Gwerra Bierda, b'nies li saru miljunarji kbar b'kontijiet bankarji fil-Gzejjer tal-Karibew, f'Cirpu, fil-Genna Fiskali tal-Pacifiku, b'nies li l-biljuni u biljuni ta' djun li qeghdin inhallsu ahna u se jkomplu jhallsu uliedna marru kollha fi bwiethom permezz ta' kuntratti u konsulenzi, nies li jghixu u jitbaghardu f'dinja ta' lussu u holm mentri l-povri haddiema jiggennu biex ihallsu l-kontijiet ta' Gonzi…. iva iffaccjati b'dawn l-ingustizzji u hnizrijiet li jghajtu ghal gustizzja mis-Sema u ghal retribuzzjoni Divina, xser naghmlu ?"*.

Dan il-bran fih diversi allegazzjonijiet ta' fatt li qatt ma gew pruvati. Il-qorti m'ghandhiex dubju li fl-imsemmi paragrafju l-awtur kien qieghed jirreferi ghall-persuni li skond l-awtur jifformaw parti mill-Gang of Five. 'Il fatt li whud mill-persuni li ma ssemmewx ma hadux passi, mhu ta' ebda konsegwenza ghat-talba tal-atturi. Hu fatt maghruf li f'eccezzjoni ta' *fair comment*, sabiex tirnexxi jrid ikun hemm kumment u mhux *statement of fact*. Fis-sentenza tal-ewwel qorti hemm spjegat id-duttrina tal-*fair comment* b'riferenza ghal dak li qalu awturi li kitbu fuq is-suggett u gurisprudenza. Il-principju hu li:

*"A crucial element in many defamation cases is the question of proof of the impugned statements. In this respect, the Court distinguishes two categories*

*of statements. Statements of fact, in principle, require proof of veracity by the applicant, while value judgments or statements of opinion are not capable of being proven. Requiring the delivery of proof of a value judgment consequently infringes the freedom of opinion itself. Nonetheless value judgments should be founded on a sufficient factual basis"* (*Freedom of Expression and the Right to Reputation: Human Rights Conflict*, Stijn Smet (2010) fil-pubblikazzjoni American University International Law Review [Volum 26, Issue 1]).

Għall-qorti m'hemmx dubju li fil-paragrafu li gie ccitat mill-artiklu *Is-Saltna tal-Gideb*, kien evidenti li l-awtur kien qiegħed jakkuza wkoll lill-persuni li jifformaw parti mill-Gang of Five li:-

- issakkeggaw l-istat;
- saru miljunarji kbar b'kontijiet bankarji f'*tax havens*;
- qeghdin ighixu hajja ta' lussu u holm a skapitu tal-poplu;

Dawn huma kollha allegazzjonijiet ta' fatt. Bhala tali kellha ssir il-prova tal-verita' sabiex il-konvenut jirnexxi fid-difiza ta' *fair comment*. Prova li ovvjament ma saritx. Hu evidenti li l-ghan tal-awtur kien li filwaqt li jattakka l-Gvern tal-gurnata, ihammeg ir-reputazzjoni ta' persuni li skond hu kienu jifformaw parti minn 'klikka' fil-Partit Nazzjonalista li kienu qeghdin jikkontrollaw l-istazzjon nazzjonali tat-televixin u dawwruh fi stazzjon ta' pajjiz dittatorjat. L-unici persuni li ssememew b'isimhom, huma l-atturi u tlieta ohra. Għall-qorti m'hemmx dubju li dikjarazzjonijiet bhal dawn huma malafamanti, u l-konvenut m'għandux jedd li jipprova jistahba wara d-dritt tal-liberta tal-espressjoni. L-Artikolu 10 stess tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jikkontempla eccezzjonijiet għad-dritt fundamentali tal-liberta ta' espressjoni, fosthom *"for the protection of the reputation or rights of others"*. Sahansitra fil-kaz *Pfeifer v Austria* (Applikazzjoni numru 12556/03), il-Qorti Ewropea qalet, *"a person's right to protection of his or her reputation is encompassed by Article 8 as being part of the right to respect for private life"*.

**Għal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.